MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 736/2005

**Dr. Philip MANDUCA bħala mandatorju speċjali tas-soċjeta' PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr. Martin FENECH u l-P.L. Victor Bugeja li b'degriet tal-5 ta' Settembru, 2005, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Beijing Ziwei Stai Commercial & Trading Co. Ltd.**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 t'Awissu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-Qorti tiddeċiedi li l-kumpannija mħarrka kisret il-jeddijiet tal-kumpannija barranija attriċi meta mexxiet għall-kummerċ f'Malta żraben ta' marka li l-istess attriċi hija l-proprjetarja reġistrata; talab id-danni minħabba tali ksur; u talab ukoll il-qerda tal-imsemmija żraben;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Ottubru, 2005;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-19 ta’ Ottubru, 2005, li biha l-Kuraturi Deputati qalu li ma jafu xejn dwar il-każ;

Rat il-proċediment tas-smigħ qabel is-seduta u, b’mod partikolari, d-dikjarazzjoni magħmula waqt is-seduta tal-14 ta’ Diċembru, 2005, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Diċembru, 2005, li bih appuntat il-kawża għal-lum għat-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum, u b’mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-attur *nomine* fis-sens li hu kien qiegħed jirrinunzja għat-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ proċediment ta’ kontravvenzjoni ta’ *trademark.* Il-kumpannija attriċi hija s-sid reġistrat tal-marki “Puma” u “Cat” dwar żraben ta’ dawk il-marki. Din ir-reġistrazzjoni tgħodd ukoll f’Malta. Jirriżulta li, f’xi żmien matul l-2005, daħal f’Malta “*container”* MSCUXN 851618 b’kunsinna ta’ żraben tal-marki imsemmija;

Illi l-imsemmija oġġetti nżammu mill-awtoritajiet tad-Dwana f’Malta u għadhom maqbudin taħt il-kustodja tagħhom;

Illi l-liġi trid li fejn jirriżulta li persuna tkun ħatja ta’ kontravvenzjoni ta’ *trademark* reġistrat, is-sid reġistrat ikollu l-jedd li jitlob li jingħata rimedju. Fost ir-rimedji maħsuba hemm dik tal-qerda tal-oġġetti li jkunu jiksru l-imsemmija *trademark* (art. 15 tal-Kap. 416);

Illi l-liġi tqis li sseħħ kontravvenzjoni ta' *trademark* jekk, fil-kors tal-kummerċ, persuna tuża dwar oġġetti jew servizzi li ma jkunux simili għal dawk li dwarhom it-*trademark* tkun reġistrata sinjal identiku mat-*trademark* (art. 10(2)(a) u 10(3)(b) tal-Kap. 416). Dan iseħħ billi dik il-persuna toffri jew tesponi oġġetti għall-bejgħ, toħroġhom fis-suq jew taħżinhom (art 10(4)(b) tal-Kap 416) jew imqar jekk timporta jew tesporta oġġetti bħal dawk taħt is-sinjal (art. 10(4)(ċ) tal-Kap. 416;

Illi l-provi mressqin mill-attur *nomine* fl-atti tal-kawża jixhdu li l-ħwejjeġ misjuba fil-"*container*" kienu tassew jilledu l-jeddijiet tal-kumpannija barranija attriċi fuq it-*trademark* proprjeta' tagħha. Dawn il-provi ma ġew bl-ebda mod imxejna jew kontestati mill-imħarrkin;

Illi dwar id-danni li l-kumpannija attriċi kienet qegħda tippretendi għall-ksur imwettaq mill-kumpannija mħarrka, ma tressqu l-ebda provi. Kemm hu hekk, l-attur *nomine* ma baqax jinsisti aktar dwar dawn it-talbiet tiegħu;

Illi, kif ingħad, mill-bqija, t-talbiet attriċi jirriżultaw mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tastjeni** milli tqis iżjed it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, u dan fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-attur *nomine* bil-miftuħ li huwa kien qiegħed jirrinunzja għalihom;

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka taħti għall-ksur ta' dritt ta' *trademark* vestit fil-kumpannija attriċi u dan bi ksur tal-artikoli 10(2)(3) u (4) tal-Kap.416, u dan meta hija importat f'Malta żraben bis-sinjal tal-marka mħarsa;

**Tilqa' r-raba' talba** attriċi u, għall-finijiet tal-artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 416, tordna l-qerda tal-imsemmija żraben, li għandha ssir mill-awtorita' li, bħalissa, l-imsemmija żraben jinsabu fil-kustodja tagħha; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża,** magħduda magħhom dawk dovuti għaż-żamma u l-qerda taż-żraben.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------